Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAL-ĦAMSA u ĦAMSIN LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** L-Erbgħa, 4 ta' Marzu 2015

**Ħin:** Mill-9.15am sas-10.45 am

**Preżenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt
Is-Sur Guido Borg

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal- Erbgħa u Ħamsin laqgħa ta' nhar l-Erbgħa 11 ta' Frar 2015. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Stephen Gatt, li kien issekondat mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 2. Mill-Minuti

Is-Segretarju Eżekuttiv infurma lill-Kunsill li l-ittra ta' l-appell li sar fuq l-għoti tat-tender il-ġdid għal ġbir tal-iskart domestiku ma gietx milqugħa mill-Bord ta' L-Appell tal-Kuntratti u li għalissa l-kuntratt l-ġdid ser jibqa'miżmum għar-raġuni li l-appellant għandu għoxrin ġurnata biex jappella il-Qorti Ċivili.

Is- Segretarju Ezekuttiv infurma lill-Kunsill li sar ix-xogħol ta'pavimentar fi Sqaq Nru 1, Triq Santa Marija wara li l-WSC kien għamlu xogħol ta' *trenching* u ħallewħ fi stat diżastruż.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurma lill-Kunsill li ntbgħatu r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill lill-MEPA fir-rigward ta' applikazzjoni tal-MEPA Nru. 431/15 fuq propjeta li tinsab fi triq It-Tlett Knejjes.

## 3. Korrispondenza u Ilmenti

**Ittra Nru. 4666:** Saret talba ma' Transport Malta mill-Perit Brian Ebejer biex jigi sorġut tower crane fi Triq Birbal li hija triq arterjali u li taqa' taħt r-responsabbilta'tal-Gvern Ċentrali.

Il-Kunsill talab lis- Segretarju Ezekuttiv jikteb lill-Transport Malta fejn bħala Kunsill qed nesiġu li din l-istruttura ma tostakolax it-traffic flow kif ukoll li titħares is-saħħa u s-sigurta tar-residenti.

**Ittra Nru 4660**: Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara ressaq talba tas-Sur J. Mifsud biex titwaħħal mera tat-traffiku quddiem garage privata fi Triq Birbal bi spejjez tal-Kunsill.

Is- Sindku infurma lis- Sur Zammit Marmara li Triq Birbal hija triq arterjali li taqa' taħt r-responsabbilta' tal-Gvern Ċentrali u għalhekk din it-talba trid tiġi referuta lill-Transport Malta apparti l-fatt li l-Kunsill għandu policy li mirja quddiem aċċess minn garaxx privat iridu isiru a spejjez ta' min ikun għamel t-talba.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' huwa tal-fehma li din il-policy għandha tinbidel.

Is- Sindku huwa tal-fehma li l-ewwel irridu nivverifikaw jekk din il-policy attwata hiex policy li tintuza minn-Kunsilli oħra apparti l-fatt li mhux beħsiebu ibiddel policies issa, li waslet l-elezzjoni tal-Kunsill u lanqas mhu xieraq.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara talab li jittieħed vot li tinbidel minnufih din il-policy.

Vota kontra kienu erbgħa (4) li kienu is-Sindku Dr Zammit Montebello, Vici Sindku Joe Galea u l-Kunsilliera Stephen Gatt u Guido Borg. Dawk favur kienu wieħed (1)li kien tal-Kunsillier Desmond Zammit Marmara.

**Ittra Nru 4659:** Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' ressaq ilment tas- Sur F. Bonnett fi Vjal Sir Michelangelo Refalo biex din it-triq ssir one way jew jitneħħa parking bay fil-kantuniera ma' Triq Birbal kif ukoll sinjali għas-sewwieqa li juru li hemm zebra crossing fejn il-Melita Gardens.

Il-Kunsill approva li niktbu lill-Transport Malta għal approvazzjoni ta' tneħħija ta' parking bay u ninfurmahom biex jagħmlu dawn is-sinjali

Is- Sur Zammit Marmara ressaq ilment tas-Sur Matthew Laspina fuq ilma li ħiereg fi Triq Il-Kbira minn Trinidad Court wisq probabbli minn xi washing machine.

Is- Segretarju Ezekuttiv infurmah li kemm il-darba infurmajna lid- Dipartiment tas- Sanita u huma ħadu azzjoni biex jaraw minn fejn ġej dan l-ilma imma rrizulta fin-negattiv. Ser nerġgħu ninfurmaw lis- Sanita.

Talba oħra mis- Sur Marmara kienet f'isem is-Sur Borg li joqgħod fi Triq Il-Kbira biex jitnaddfu l-ispralli ta' fejn il-Kazin PN u li ma daħalx ilma fix-xelter.

Is- Segretarju Ezekuttiv infurmaħ li x-xogħol fuq it-tindif ta'l-ispralli isir kull darba li tkun għamlet ix-xita u fir-rigward tax-xelter is- Sindku infurmaħ li issa aktar minn qatt qabel ma sar il-proġett, f'dan ix-xelter din il-problema ma tezistix għax ġie magħluq b'mod li ma jidħolx ilma fih.

**Ilment Nru. 17015075223874**: Resident ilmenta fuq ir-rampa li ħierġa mill-Kazin San Gabriel fi Triq L-Annunzjata. Il-Kunsill talab lis- Segretarju Ezekuttiv biex jinfurma lis- Segretarju Tal-Banda Kazin San Gabriele biex din il-problema tiġi indirizzata.

Dwar l-ilmenti u korrispondenzi l-oħra li rċieva l-kunsill f'dan il-perjodu, l-Kunsill ġie infurmat illi dawn ġew ikkunsidrati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjon ta' kull min ippreżenta l-ilment.

## 4 Wied Ħal Balzan- Diskussjoni

Il-Viċi Sindku Joe Galea beda biex qal li dak li ġara f’Wied Ħal Balzan l-ġimgħa l-oħra kien aċċident li nqala’ meta kien għaddej ix-xogħol fuq il-proġett tal-flood releif u li dan ma kienx nuqqas tal-Kunsill.

Sfortunatament ix-xogħol li għaddej fuq dan il-proġett mhux ser jibqa’ għaddej tul il-wied kollu b’konsegwenza li din il-problema ser tibqa’ tippersisti jekk mhux għar.

Bħala Kunsill ilna s-snin kemm ma’ l-amminstrazzjoni tal-Gvern Ċentrali ta’qabel kif ukoll ma’ din prezenti nisqħu li jekk mhux ser jagħmel tajjeb għal dawn ix-xogħolijiet din it-triq qatt ma tista’ ssir minħabba ir-restrizzjonijiet finanzjarji li għandu l-Kunsill.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara talab li għandha ssir laqgħa urġenti oħra mal-Ministru tax-Xogħolijiet u Trasport Pubbliku.

Il-Kunsillier Guido Borg qal li bħala Kunsill stajna għamilna izjed biex infehmu lin-nies x’kien qed jagħmel jew x’għamel biex tissolva din il-problema.

Is- Sindku qal li t-Times of Malta kitbet li dan l-overflow tat-drenaġġ kien kawza ta’ l-inċident li semma’ il-Viċi Sindku u fl-intervista li ta lil din il-gazzetta, din il-problema tad-drenagg hija kawza ta’ ilma li gej minn fuq il-bjut tad-djar fejn qabel il-katusa kienet titqabbad mad-drenaġġ.

Is- Sindku kompla biex qal li jekk mhux ser issir strategija fuq kif ser tiġi solvuta il-problema tad-drenaġġ, din ser tibqa’ tippersisti.

Għalhekk huwa jaqbel mas-suġġeriment tas- Sur Zammit Marmara u talab lis- Segretarju Ezekuttiv biex jagħmel laqgħa urġenti mal-Ministru.

## 5. Sejħa ta’ interess għal-kiri ta’ uffiċċju għal-Kunsill- EOI/BLC/001/2015

Is-Segretarju Eżekuttiv infurma lill-Kunsill li wara li għalqet din is-sejħa, l-unika applikazzjoni li ġiet sottomessa tikkonċerna propjeta’ li tinsab f’Ħal Lija u għalhekk ma tistax tiġi kkunsidrata minħabba il-konfini skond kif stipulat fil-liġi tal-Kunsilli.

Is- Segretarju Ezekuttiv minnufiħ kiteb lid- Dipartiment għal Gvern lokali u infurmah li l-Kunsill wara li ħareġ din is-sejħa ma għandu xejn f’idejħ u li l-Kunsill ser jiffaċċja sitwazzjoni prekarja ħafna għaliex jidher li fl-aħħar ta’ April li ġej, il-binja prezenti minn fejn qed jaħdem il-Kunsill ser tgħaddi f’idejn is-sidien b’deċizjoni tal- Qorti.

Il-Kunsill filwaqt li ddeċieda li jikteb direttament lis- Segretarju Parlamentari Dr. S. Buontempo u jispjegalu is-sitwazzjoni tagħna, bħala Kunsilliera ser jiċċekkjaw jekk hawnx xi postijiet battala minn fejn il-Kunsill ikun jista’ jaħdem temporanjament sakemm tissolva din is-sitwazzjoni.

## 6. Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta’ Petty Cash

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta’ ħlasijiet li ġġib id-data tal-11 ta’ Frar 2015 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta’ € 28,702.53

L-iskeda ta’ ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara li kien issekondat mill-Viċi Sindku Joe Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta’ ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

**7. Komunikazzjoni tas-Sindku**

Is-Sindku qal li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-Bord tal-Finanzjament għal Proġetti Kapitali fejn ġie diskuss il-pjan tal-Kunsill għal bini ta’ Civic Centre bi sħab mal-privat. Min naħa tal-Bord kien hemm interess għal dan il-proġett.

Is- Sindku infurma lill-Kunsill li kellu laqgħa mas- sidien tal-propjeta min fejn jaħdem il-Kunsill bil-possibilita’ li jinkera l-uffiċċju prezenti. Huma qed jitolbu € 90 kull metru kwadru fis-sena.

**8. Suġġerimenti u Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara’ ressaq ilment ta’ resident li joqgħod fi Triq Birbal fuq il-blokok li hemm fl-għalqa biswit Wesgħa Profs Guze Aquilina b’konnessjoni mal-proġett tal-flood releif li kellom jitneħħew sa’ l-aħħar ta’ Frar u trakk mitluq li hemm f’dik l-għalqa .

Is- Segretarju wieġeb li kiteb lill-Perit Carmelo Borg biex jinfurmah bl-aħħar zviluppi fuq dawn il-blokok u ser jinfurma lil-pulizija biex jiċċekkjaw t-trakk.

Il-Kunsillier Guido Borg xtaq jgħid prosit u grazzi tal-pubblikazzjonijiet tan-newsletter li għamel il-Kunsillier Zammit Marmara matul din il-leġsilatura.

Il-Kunsill unanimament irringrazzjaħ tal-ħidma tiegħu fuq din in-newsletter.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa, 25 ta’ Marzu 2015 fid-9.00am.

| | |
|---|---|
| **Dr. John Zammit Montebello**<br>Sindku | **Mark Mallia**<br>Segretarju Ezekuttiv |

Data